21 ta' Settembru, 1948

Imħallfin :

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D., *A/President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D. ;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LLD

Il-Maestà Tiegħu r-Re

*versus*

Karmnu Pace et.

**Provi — Xhieda — Kondotta ta' l-Imputat — Konfessjoni ta' l-Imputat meħuda minn Kawża Ċivili — Art. 584 u 585 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u art. 641 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Huwa prinċipju ġenerali li ma tistax tissemma ġenerikament il-kondotta preċedenti ħażina ta' l-akkużat. Però tista' ssir eċċezzjoni għal dan il-prinċipju meta l-prova offerta mill-Prosekuzzjoni hija intiża mhux biex turi ġenerikament il-kondotta ħażina preċedenti ta' l-imputat, iżda hija intiża bħala konnessa mad-delitt imsemmi fl-att ta' l-akkuża biex turi "a system of conduct" ta' l-imputat.*

*Il-Prosekuzzjoni mhux biss għandha l-jedd li tikkontraddiċi, jekk ikun il-każ, lill-akkużat fil-każ li dan jagħti x-xhieda tiegħu quddiem il-ġurati, imma għandha jkollha anki l-jedd li tipproduċi xhieda minnu mogħtija quddiem Qorti Ċivili, anki jekk l-akkużat ma jagħżelx li jixhed quddiem il-ġurati, biex tieħu minnha dak li jidhrilha li jammonta għal konfessjoni ta' l-akkużat.*

Il-Qorti — Rat in-nota ta' l-akkużati li biha ssollevaw żewġ eċċezzjonijiet, jiġifieri :—

(a) L-inammissibilità tax-xhieda ta' Suor Maria Farrugia, u dik il-parti tax-xhieda ta' Marietta Sacco li tirrigwarda l-inċident tas-£60 li fuqu ma humiex akkużati, in kwantu hija intiża biex tiskura l-karattru ta' l-akkużati ;

(b) Illi x-xhieda ta' Dolores Pace moghtija quddiem il-Qorti Civili ma hijiex ammissibili, u kuntrarja ghad-digriet moghti mill-Qorti Istruttorja fil-21 ta' Frar 1948;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Fuq l-ewwel eccezzjoni;

Illi l-prova offerta mill-Prosekuzzjoni bix-xhieda ta' Suor Maria Farrugia u b'parti mix-xhieda ta' Marietta Sacco ma hix intiża biex turi ġenerikament il-kondotta ħażina preċedenti ta' l-akkużati (li kieku kienet hekk kienet tkun eskluża bħala kuntrarja għall-prinċipju fondamentali illi l-akkużat għandu jiġi preżentat bil-preżunzjoni ta' l-innoċenza), imma hija ntiża bħala konnessa mad-delitt insemmi fl-att ta' l-akkuża biex turi dik li tissejjaħ mit-trattatisti Ingliżi "a system of conduct", ossija, kif b'espressjonijiet opportuni ġie espost fil-Journal of Criminal Science, Vol. I, p. 143 (Dept. of Criminal Science, Faculty of Law, University of Cambridge), "a sort of individual technique, identifying the accused by his handwork";

F'dan il-każ il-provi ta' l-Istruttorja juru "prima facie" illi l-fatt tas-£60 kien intimament konness mal-fatt li jifforma l-meritu ta' l-akkuża b'mod illi jista' jiġi kunsidrat bħala "part of the same transaction". Infatti ż-żewġ fatti huma allegati li saru fl-istess kontest taż-żmien, fl-istess okkażjoni, u bejn l-istess persuni; u għalhekk hemm dak in-"nexus" jew "connection between the act charged and the facts relating to previous transactions which it is sought to give evidence" li jawtorizzaw "a reasonable inference of a systematic pursuit of the same criminal object" (Harris, Wilshere Edit., p. 425);

Illi dina l-eċċezzjoni għall-prinċipju ġenerali illi ma tistax tiġi msemmija ġenerikament il-kondotta preċedenti ħażina ta' l-akkużat, hija rikonoxxuta fid-dottrina u fil-ġurisprudenza ingliża. U dina l-Qorti kolleġjalment kostitwita ssanzjonat l-istess teorija fil-kawże "Rex vs. Paolo Borg" 16. 4. 1914, "Rex vs. Caterina Ellul" 3. 11. 1916, u "Rex vs. Vella" 15. 9. 1924;

Hu ta' min jirrileva wkoll illi f'appell reċenti quddiem il-Qrati Ingliżi ("Rex vs. Sims" 1946, 1. Crim. App. R. 697)

iċ-Chief Justice Lord Goddart qal illi "evidence of similar acts might be admissible to show the nature of those acts, because human nature has a propensity to repetition";

Għalhekk dina l-eċċezzjoni ma hijiex sostenibili;

Fuq it-tieni eċċezzjoni;

Jirriżulta mill-attijiet illi l-akkużata Dolores Pace tat ix-xhieda tagħha anki fuq il-fatti ta' dina l-akkuża fil-kawża ċivili msemmija fid-dokument "Y", fol. 43 ta' l-inkartament;

Issa hu paċifiku illi "statements" ta' l-akkużat jistgħu jaqgħu f'żewġ kategoriji, jiġifieri jistgħu jkunu "judicial" u "extra judicial";

Dana l-każ (li għandu jiġi differenzjat mill-każ ta' xhud li mhuwiex akkużat) hu każ li fih saru "statements" taħt ġurament quddiem Qorti ta' Gustizzja, jiġifieri dawn kienu "judicial statements" ta' l-akkużata;

Issa hu ċar illi l-Prosekuzzjoni mhux biss għandha jkollha l-jedd illi tikkontraddiċi, jekk ikun il-każ, lill-akkużata, fil-każ li dina tixhed quddiem il-ġuri, in forza ta' l-art. 584 u 585 (Kap. 15) magħmulin applikabili għall-Qrati Kriminali bl-art. 641 Kap. 12, imma għandha jkollha anki l-jedd li tipproduċi dik ix-xhieda mogħtija mill-akkużata quddiem il-Qorti Ċivili, anki jekk l-akkużata ma tagħżelx li tixhed, biex tieħu minnha dak illi jidhrilha li jammonta għal konfessjoni ta' l-akkużata;

Illi, kif igħid l-Archbold ("Criminal Pleadings, Evidence and Practice", 1943 Edit. p. 365), "the general rule deduceable from the modern cases seems to be that any statement made by a person upon oath, when being examined as a witness, either before a civil tribunal, a coroner or a magistrate, may be afterwards used against him on his trial on a criminal charge, unless, indeed, at the time of his examination he objected to answer the questions on the ground that the answers would tend to criminate him, and yet was improperly compelled to answer them";

Issa fil-każ preżenti, mhux talli ma jirriżultax li l-akkużata b'xi mod oġġezzjonat li tirrispondi għal xi domandi, imma għall-kuntrarju jirriżulta illi hi offriet ix-xhieda tagħha minn jeddha;

Għalhekk dina l-Qorti tiddeċidi;

1. Billi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni, billi tiddikjara illi d-depożizzjonijiet li għalihom saret oġġezzjoni f'dik l-eċċezzjoni huma ammissibili—salva, s'intendi, il-kwistjoni ta' l-apprezzament tagħhom;

2. Billi tiċħad ukoll it-tieni eċċezzjoni, u tiddikjara illi l-Prosekuzzjoni tista' tagħmel użu minn dik ix-xhieda fis-sens fuq imsemmi, sew jekk l-akkużata tixhed kemm jekk ma tixhedx;

U tiddifferixxi l-kawża għall-kontinwazzjoni tagħha għad-9 ta' Novembru 1948.